**MALTA**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR
## DR. ANNA MALLIA

**Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2017**

**Talba numru 349/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 28**

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa**

**MRS 1501**

**Vs**

**Ejder Karadol (ID 0382909L)**

**144, Triq l-Imdina,**

**Qormi**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-08 ta' Awwissu, 2017 li permezz tiegħu s-socjeta' attrici talbet mingħand il-konvenut is-somma ta' elf seba' mija u wieħed ewro (€1,701.00) in konnessjoni ma' diversi servizzi elettronici ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta' attrici lil konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40475564.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal wara li sema' rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma li l-ammont ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma elf seba' mija u wiehed ewro (€1,701.00) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**